MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 32/8

It-Tlieta 15 ta' Settembru 2020

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88, Triq Raymond Caruana, il-Gudja fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Dr. Marija Sara Vella – Sindku
John Mary Calleja – Vici Sindku
Stefan Caruana – Kunsillier
Mark Anthony Sammut – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Maria Micallef – Kunsilliera

ASSENTI

Nil

UFFIĊJALI PREŻENTI:

Lara Mascena - Segretarju Eżekuttiv

Kunsill Lokali – Il-Gudja - Local Council
88, Triq Raymond Caruana, Il-Gudja
Tel: 21672020; Fax: 21664646; email: gudja.lc@gov.mt
Sindku: MS Vella; Viċi-Sindku: JM Calleja; Kunsilliera: MA Sammut, S. Caruana u M. Micallef

AĠENDA

032.1 Qari tal-ittri ta’ apoloġiji;

032.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti (31(08) [15/09/2020])

032.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

032.4 Is-Sitwazzjoni tal-Tindif tal-Latrina Pubblika fi Gnien Raymond Caruana;

032.5 Sejha ghall-Offerti: ***GLC-01/2020 Service Tender for the Collection of Household Waste from the Locality of Gudja using Low Emission Service Vehicle***

032.6 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

032.7 Rapporti;

032.8 Temi oħra tal-Kunsill Lokali;

a. Triq iż-Żebbuġa – progress
b. Triq J. Pace, Triq id-Dejqa u Triq Sta Katarina - progress
c. Miżura 4.3 – Triq tal-Lampat, Triq Victor Pasmore u l-area Ta’ Loreto - progress
d. Ġnien Raymond Caruana – progress
e. Ġnien Ġlormu Cassar – progress

032.9 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti;

032.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

---

# Minuti

## Tmexxija u ftuħ tal-laqgħa

Is-Sindku Dr. Marija Sara Vella ppresidiet il-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fis-sitta neqsin kwart ta` filgħaxija (5.45pm) wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

Il-Vici Sindku JM Calleja talab minuta tas-silenzju b`rispett ghat-telfa taz-ziju tas-Sindku u flimkien ma` shabu l-kunsilliera taw l-kondoljanzi lis-Sinjura Sindku.

## 032.1. Qari tal-ittri ta’ apoloġiji

Is-Sindku nfurmat lil dawk preżenti li l-Kunsilliera M Micallef ma kinitx ser tattendi ghall-laqgha minhabba ragunijiet personali.

032.2 **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti (31/8 [18/8/2020])**

Dawn il-minuti 31/8 ġew iċċirkulati qabel il-laqgħa tal-Kunsill u ġew meħuda bħala moqrija

Il-Kunsill b'vot unanimu approva dawn il-minuti nru 31/8 nem con.

**032.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

032.3.1 Is-Sindku bil-permess ta` dawk prezenti talbet sabiex il-laqgha tigi sospiza ghal ftit hin sabiex il-Kunsill jisma` talba ta` resident li xtaq jinterjeni.

Wara li l-membri tal-Kunsill semghu l-ilment ta` dan ir-resident, fejn qed jitlob biex tittiehed azzjoni biex quddiem ir-residenza tieghu jsir xi haga biex ma jibghqax jieqaf l-ilma tax-xita bil-konsegwenza li kull vettura li tghaddi qed ittajjar l-ilma ghal gor-residenza tieghu. Wara diskusjoni, l-Kunsill idecieda sabiex jinforma lill-Perit tal-IM dwar din il-problema biex tinsab soluzzjzoni. Barra minn hekk il-Kunsill ser jara li jgieb kwotazzjoni biex jekk huwa possibli isir dorga taht il-bankina biex din il-problema titaffa xi ftit.

032.3.2 Prezentata l-proposta li giet ippreparata dwar ic-cctv cameras sabiex din tintbghat lir-Regjun. Din il-proposta giet approvota minn dawk prezenti.

032.3.3 Is-Sindku ghamel referenza ghall-kwotazzjoni li ntbghatet mill-Arcipriet dwar sistema ta` dawl tal-knisja. Is-Sindku proponiet sabiex il-Kunsill jghin finanzjarjament imma li dan ghandu jsir bl-istess mod ma` kull ghaqda fil-lokalita. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

032.3.4 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li fix-xahar ta` Ottubru ser jinbeda l-kors tal-bizilla gewwa Centru Parrokajali. Dan il-kors jaghmel parti mill-skema tal-Life Long Learning. Ghal dan il-kors kien hemm 11 – il applikant.

032.3.5 Giet prezentata ittra li l-Kunsill ircieva minghand TM dwar reserved parking bay fi Triq San Ciru. Il-Kunsill ma jsib l-ebda ogezzjoni li dan il-parkegg isir.

032.3.6 Is-Sindku ghamlet referenza ghal diversi talbiet biex isir zebra crossing vicin il-Knisja biex wiehed ikun jista` jaqsam b`mod aktar sigur. Il-Kunsillier MA Sammut propona sabiex jitwahhlu tabelli ta` no slow biex dak li jkun jnaqqas mill-velocita tal-karozza. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti u s-Sindku talbet sabiex nibghatu lill-TM ghal approvazzjoni.

032.3.7 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li fil-jiem li ghaddew twahhlet cctv camera fuq il-latrina pubblika ta` Gnien R. Caruana li taghti ghal parti mill-Gnien.

032.3.8 Is-Sindku ghamlet referenza ghas-sitwazzjoni tal-Librerija Pubblika fil-Gudja fejn spjegat li librara qed tnizzel sighat extra kull xahar minghajr mall-Kunsill ma jaf ghal liema raguni. Il-Kunsill qabbel sabiex jinforma lill-librara biex tibghat rendikont tax-xoghlijiet li saru matul il-hinijiet zejda li qed isiru. Is-Sindku ziedet tghid li matul il-jiem li gejjin kien ser jitwahhal l-air condition gdid gol-istess librerija.

032.3.9 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti dwar il-htiega li jigi ngaggat impjegat klerikali gdid mall-Kunsill. Fil-prezent il-Kunsill ghandu zewg impjegati, Assistant Principal u Segretarju Ezekuttiv fejn jekk xi hadd minn dawn l-impjegati jkun b`leave jew sick leave, l-Kunsill ma jkunx jista` jopera kif sippost. Dwar dan dawk prezenti talbu sabiex il-Kunsill jara li ghandu fondi bizzejjed biex l-Kunsill ikun jista` jhallas impjegat iehor fuq skala 15.

032.3.10 Giet prezentata korrispondenza li waslet ghand il-Kunsill minghand l-Ghaqda Muzikali Marija Assunta, fejn talbu sabiex il-bicca zejda tac-central strip il-gdida li saret fi Triq Raymond Caruana titnehha u minflok isiru bollards biex fiz-zminijiet tal-festa, dawn il-bollards ikunu jisghtu jitnehhew temporanjament peress li din it-triq isir two way sabiex it-traffiku ma jghaddiex mill-Pjazza matul dik il-gimgha tal-festa biex ma ssirx hsara lill-armar tal-festa. F`din l-istess korrispondenza din l-Ghaqda qed titlob sabiex jigi mqieghed monument tal-gebel, ta` daqs medju fid-dahla inti u diehel geww l-Gudja fl-okkazzjoni tal-anniversarju tal-100 sena mit-twaqqif tal-Post tan-Nar li ser jigi ccelebrat fis-sena 2022. Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li c-cental strip saret minn naha tal-IM minhabba road safety. Wara diksussjoni gie deciz sabiex il-Kunsill jibghat lill-IM li hekk hux possibli li kif tkun ser terga` ssir it-triq jkunx possibli li tinqala din il-bicca zejda tac-central strip.

032.4 **Is-Sitwazzjoni tal-Tindif tal-Latrina Pubblika fi Gnien Raymond Caruana;**

Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti dwar is-sitwazzjoni tat-tindif tal-Latrina Pubblika fi Gnien Raymond Caruana. Dr.Vella spejgat li dan is-servizz mhux qed jinghata tajjeb u hemm bzonn li jinbidel il-kuntrattur. Is-Sindku talbet sabiex jingibu l-kwotazzjonijiet ghal dan is-servizz sabiex il-Kunsill ikun jaf kemm ser tigi tiswa l-ispiza biex wara l-Kunsill ikun jista` jmexxi biex johrog sejha ghall-offerti. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti.

032.5 **Sejha ghall-Offerti:** ***GLC-01/2020 Service Tender for the Collection of Household Waste from the Locality of Gudja using Low Emission Service Vehicle***

Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li seduta tal-appell dwar il-gbir ta` skart domestiku ser isir nhar l-Erbgha 23 ta` Settembru 2020 fid-disgha ta` filghodu. Ghal din is-seduta b`mod virtuali ser jattendu s-Sindku, s-Segretarju Ezekuttiv u l-avukat Dr. Marco Woods.

**032.6 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera;**

032.6.1 Il-Kunsillier S Caruana talab sabiex jigu nstallati xi rifletturi mall-Gnien Gilormu Cassar u dan ghal fatt biex jinqataw xi abbuzi li qed isiru minn xi whud li qed jidhlu f`dan il-gnien.

032.6.2 Il-Kunsillier S Caruana ghamel referenza ghax-xoghlijiet li qed isiru fil-bankini ta` Triq Bir Miftuh, specjalment habba l-bankina ta` naha tal-Gnien R.Caruana, fejn staqsa jekk din il-bankina hux ser isir bl-istess pavimentar. Dwar dan is-Sindku qalet li l-Kunsilll ser jiccekkja mall-Perit ta` IM.

032.6.3 Il-Kunsillier S Caruana propona sabiex fi Vjal it-Torri fejn hemm V shape f`tarf it-triq isir b`kurduna.

032.6.4 Il-Kunsillier S Caruana ghamel referenza dwar il-proposta li kien ressaq sabiex il-Kunsill jghin finanzjarjament lil dawk ir-residenti li bidlu l-kaptelli tal-hadid fi Triq Santa Katerina u t-toroq tal-madwar. Wara diskussjoni gie deciz li l-Kunsill ghandu jhallas lil dawk ir-residenti li biddlhom minn jeddhom u kif ukoll dawk li ma nbidlux jaghmielhom il-Kunsill ghas-spejjez tieghu biex kollha jkunu l-istess.

036.6.5 Il-Vici Sindku talab sabiex il-Kunsill jibghat notifika lil dawk ir-residenti li joghqodu fi Triq Santa Katerina u t-toroq tal-madwar li ghandhom xi pjanti jew sigar u li qed jizgumbraw il-bankina jew li jisghtu jwasslu ghal xi hsara fil-pavimentar, jitnehhew minnufih. Il-Kunsillier S Caruna propona sabiex din in-notifika tintbghat lill-kulhadd, fejn dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti.

032.7 **Rapporti;**

Ma kienx hemm.

032.8 **Temi oħra tal-Kunsill Lokali;**

a. **Triq iż-Żebbuġa – progress**

Dan l-item ma giex diskuss.

b. **Triq J. Pace, Triq id-Dejqa u Triq Sta Katarina – progress**

Is-Sindku talbet sabiex isir laqgha mall-kuntrattur li ser jaghmel ix-xoghlijiet ta` pavimentar u talbet sabiex kulhadd ikun prezenti ghal din il-laqgha.

c. **Miżura 4.3 – Triq tal-Lampat, Triq Victor Pasmore u l-area Ta' Loreto – progress**

Dan l-item ma giex diskuss.

d. **Ġnien Raymond Caruana – progress**

Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li waqt laqgha li saret mall-PA fuq il-progett ta` Gnien Raymond Caruana u l-binja tal-Kunsill, gie ssuggerriet li sala tal-Kunsill tigi fuq l-ufficini tal-Kunsill u dan sabiex ma jkunx hemm problemi biex jinhargu l-permessi.

e. **Ġnien Ġlormu Cassar – progress**

Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li l-Kunsill gie nfurmat mill-Ministeru tat-Turizmu sabiex il-Kunsill jissottometi l-applikazzjoni STL.

032.9 **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

Il-lista ta' pagamenti nru 17/8 kif ippreżentata ġiet ipproponuta mill-Vici Sindku JM Calleja u ssekondata mill-Kunsillier S Caruana għall-ammont totali ta' €15,399.27 u ġiet approvata nem con. Il-Kunsillier S Caruana ghamel rimarka fuq il-pagament numru 30, fejn talab sabiex jigi kkonfermat l-ammont mall-kuntrattur qabel dan jithallas.

032.10 **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-Laqgha ntemmet fid-disgha neqsin kwart ta` filghaxija. Is-Sindku aġġornat l-laqgħa għal nhar it-Tlieta 13 ta` Ottubru 2020 fil-5.30pm fuq aġenda li tiġi ċċirkulata għand il-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa.

Konfermati, illum it-Tlieta 17 ta` Novembru 2020

| | |
|---|---|
| ffirmati | ffirmati |
| Dr. Marija Sara Vella | Lara Mascena |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |